

31993D0052

L 13/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.1.1993

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 Diċembru 1992,

**li tiegħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B.melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda**

(93/52/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-animali li jirregolaw in-negozju ġewwa l-Komunità ta' nagħaġ u mogħoż<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Anness A, il-Kapitlu 1.II tiegħu,

Billi, fl-Ingilterra, l-Irlanda, l-Olanda, il-Belġju, l-Lussemburgu, il-Ġermanja u ċerti reġjuni fi Franza, il-bruċellosi (*B.melitensis*) kienet marda li għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet għal mill-anqas ħames snin; billi l-ebda każ ma ġie konfermat uffiċjalment hemmhekk għal mill-anqas ħames snin u t-tilqim kien projbit hemmhekk għal mill-anqas tliet snin; billi għalhekk irid jiġi notat uffiċjalment illi jikkonformaw mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-Anness A, il-Kapitlu 1.11(1)(b);

Billi, barra minn hekk, l-Istati Membri jew reġjuni msemmija hawn fuq jimpenjaw ruħhom li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness A, il-Kapitlu 1.II(2); billi, konsegwentement, l-Istati Membri u reġjuni msemmija għandhom jiġu mogħtija uffiċjalment l-istatus ta' ħielsa mill-marda tal-bruċellosi (*B. melitensis*);

Billi l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*L-Artikolu 1*

L-Istati Membri u reġjuni msemmija rispettivament fl-Annessi I u II jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/68/KEE, l-Anness A, il-Kapitlu 1.II(1)(b).

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri u reġjuni msemmija rispettivament fl-Annessi I u II huma rikonoxxuti bħala li huma uffiċjalment ħielsa mill-marda tal-bruċellosi (*B. melitensis*).

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.

---

*L-ANNEX I***STAT MEMBRU**

- Ir-Renju Unit,
- Il-Ġermanja,
- L-Irlanda,
- Il-Lussemburgu,
- Il-Belġju,
- L-Olanda

---

*L-ANNEX II***REĠJUNI**

Fi Franza: Ain, Aisne, Allier, Ardennes, Aube, Charente, Charente-Maritime, Cher, Cote-d'Or, Cotes d'Amor, Creuse, Dordogne, Doubs, Eure, Eure-et-Loire, Finistere, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Jura, Loir-et-Cher, Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot et Garonne, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Rhone, Haute-Saone, Saone-et-Loire, Sarthe, Ville de Paris, Seine Maritime, Seine-et-Marne, Yvelines, Deux-Sevres, Vendee, Vienne, Haute-Vienne, Yonne, Territoire de Belfort, Essonne, Hauts-de-Seine, Seine-Saint-Denis, Val-de-Marne, Val-d'Oise.

---